**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

**Seduta numru 2 tas-7 Leġislatura**
**Illum l-Erbgħa 24 t' April 2013**

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. nhar l-Erbgħa 24 ta' April 2013 għas-Seduta numru 2 fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Post-mortem Festa Frawli 2013
5. Dekasteri tas-7 Leġislatura
6. Alternattivi għall-armar ta' gabbani għall-żmien il-festa ta' Santa Marija
7. Hlasijiet pendenti
8. Update tal-proġetti infrastrutturali
9. Attivitajiet għax-xhur li ġejjin
10. Użu tal-Uffiċċju Amministrattiv
11. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer u l-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**1 Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**2 Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Korrispondenza dwar il-Premju Nazzjonali tal-Intrapriża.

2.4 Korrispondenza mingġand il-Kunsill Lokali ta' Had-Dingli fejn saret talba sabiex jissellfu armar (barriers u tabelli) li intużaw għall-Festa Frawli. Il-Kunsill qabel ma dan.

2.5 Korrispondenza b' talba sabiex il-Kunsill jgħaddi id-dati tal-attivitajiet lill-Malta Tourism Authority. Saret diskuzzjoni dwar id-data tal-Festival Hidmet Missirijietna għax kien hemm bżonn li din titmexxa aktar lura. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed iressaq din it-talba lid-Dipartiment.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti, speċjalment għall-benefiċċju ta' dawk ġodda, bil-proġetti li huma ppjanati li jsiru u li għadhom ma ġewx konklużi. Dawn huma:

- Xogħol fuq il-bankina ta' Triq Fisher;
- Ismijiet ġodda ta' toroq;
- Proġett ta' Triq il-Kbira;
- Proġett ta' Fomm ir-Riħ;
- Proġett tal-Ġnejna;
- Proġett tal-playing-field ta' quddiem il-Knisja;
- Proġett ta' Ġnien Pubbliku fil-Housing Estate;
- Proġett ta' Darrenzi;
- Resurfacing ta' Toroq tal-PPP.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

## 4. Post-mortem Festa Frawli 2013

4.1 Is-Sindku irringrazzja lill-Kunsilliera kollha tal-kooperazzjoni tagħhom f' din l-attivita' peress li l-ħames kollha ħadmu flimkien għas-suċċess tagħha.

4.2 Eman Vella ressaq suġġeriment sabiex isiru 2 xifts ta' volontiera biex ikunu jistgħu jistrieħu. Il-Kunsill qabel dwar dan.

4.3 Clayton Gauci sere ikun qed iħejji rapport dwar is-servizz tal-wardens matul l-attivita' biex jingħata feedback u possibilment jitejjeb is-servizz is-sena d-dieħla.

4.4 Is-Sindku wera' apprezzament lejn is-servizz tal-Pulizija, speċjalment is-Supretendent Martin Sammut, Edmond Cuschieri, Francis Bezzina u Surġent 419.

4.5 Is-Sindku informa wkoll li kien sar investiment f' numru ta' barriers, sinjali u tabelli għall-din l-attivita' u li ser ikunu qed jintużaw mill-Kunsill f' attivitajiet oħra organizzati minnu.

4.6 Mario Sammut irringrazzja u wera' apprezzament lejn il-ħidma tal-istaff amministrattiv u klerikali tal-Kunsill tal-ħidma tagħhom u tal-kooperazzjoni.

## 5. Dekasteri tas-7 Leġislatura

5.1 Is-Sindku ressaq il-proposti tiegħu għall-oqsma ta' responsabilitajiet tal-Kunsill il-ġdid. Wara diskussjoni ġew maqula u ddikjarati hekk kif imniżżlin hawn taħt:

- **Paul Vella** : Sindku – Proġetti Kapitali, Infrastruttura, Ordni, Sorveljanza Ġenerali, Anzjani
- **Eman Vella** : Deputat Sindku – Proġetti EU, Promozzjoni, Żvilupp Agrikolu, Żvillupp Ġenerali, Ġemellaġġi
- **Clayton Gauci** : Attivitajiet Kulturali, Attivitajiet Sportivi, Settur tas-Self-Employeed, Bajjiet, Ġieħ l-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

- **Elizabeth Ebejer** : Edukazzjoni, Inizjattivi Ambjentali, Qasam soċjali
- **Mario Sammut** : Chairman Kumitat Żgħażagħ, Relazzjonijiet Pubbliċi, Website u siti ta' social networking, Il-Miġbħa.

**6. Alternattivi għall-armar ta' gabbani għall-żmien il-festa ta' Santa Marija**

6.1 Is-Sindku informa li wara talba mingħand il-Kappillan u l-Kumitat tal-festa, kien qed irressaq risoluzjoni sabiex ma jinħareġ l-ebda' permess għall-armar tal-gabbani tal-festa fi' Triq Mons Chetcuti. Ir-risoluzzjoni ġiet issekondata mid-Deputat Sindku, Eman Vella u wara diskussjoni, ir-risoluzzjoni għaddiet bi' qbil unanimu tal-membri kollha tal-Kunsill.

6.2 Is-Sindku ressaq proposta biex minn din is-sena stess l-armar tal-gabbani jibda' jsir fi' Triq Fisher in-naħa tas-siġar, li huwa l-eqreb post lejn il-pjazza tal-lokal fejn il-Kunsill jara, wara diversi analizi ta' postijiet alternattivi, li dawn il-gabbani jistgħu jintramaw. Eman Vella issekkonda din il-proposta, u l-Kunsill qabel unanimamament.

6.3 Il-Kunsill għaldaqstant iddeċieda li jsejjaħ lill-partijiet kollha konċernati (bejjiegħa, pulizija, u kumitat tal-festa) għal-laqgħa biex tiġi spjegata din is-sitwazzjoni.

6.4 Peress li għall-din il-parti tas-Seduta kien hemm preżenti numru żgħir ta' memberi mill-Kumitat tal-Festa, is-Sindku, bi' qbil tas-Segretarju Eżekuttiv, issosspenda temporanjament is-seduta biex dawn setgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom. Is-Sur Michael Farrugia (724660M) f' isem il-Kumitat irringrazzja lill-Kunsill tal-kooperazzjoni u semma' li dan kellu jwassal għall-festa isbaħ u aħjar. Is-Sur Farrugia talab ukoll lill-Kunsill sabiex barriers u tabelli lill-Kumitat tal-festa biex dan ikun jista' jagħmel 'traffic management' aħjar fil-ġranet tal-festa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-dan.

6.5 F' dan il-mument, dawn ir-rappreżentanti tal-Kumitat ħallew il-post, u is-Sindku reġa' sejjaħ għat-tkomplija tas-Seduta.

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**7. Hlasijiet pendenti**

7.1 Is-Sindku informa li fost il-ħlasijiet pendenti li l-Kunsill irid iħallas, hemm dak tal-Perit Mariello Spiteri (EMDP Architectural Sevices) għall-proġett tal-ġnien tal-Housing Estate kif ukoll għall-proġett ta' Darrenzi. Peress li dawn il-kontijiet kienu ta' ammonti sostanzjali, is-Sindku kien qed jipproponi li ssir talba sabiex dawn jitħallsu bin-nifs. Il-Kunsill qabel dwar dan u se jsiru il-preparamenti sabiex dawn il-ħlasijiet jibdew jitħallsu mill-ewwel.

**8. Update tal-proġetti infrastrutturali**

8.1 Dan il-punt kien diskuss aktar qabel f' 3.1 ta' dawn il-minuti.

**9. Attivitajiet għax-xhur li ġejjin**

9.1 Clayton Gauci semma' li kien hemm ħsieb li din is-sena jiġu organizzati 2 tournaments tal-beachvolley fil-bajja tal-Ġnejna. L-ewwel wieħed ser issir fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju filwaqt li hemm ħsieb li l-ieħor isir f' Settembru.

**10. Użu tal-Uffiċċju Amministrattiv**

10.1 Is-Sindku informa lill-membri il-ġodda tal-Kunsill dwar l-użu tal-Bini Amministrattiv u l-użu tiegħu. Informa li barra mill-iskop amministrattiv tiegħu, il-bini jintuża wkoll bħala Mużew ta' l-Arti Kontemporanja, għall-korsijiet li jsiru regolarment matul is-sena, għat-tagħlim tal-allievi tal-banda, kif ukoll nhar ta' Ġimgħa bħala Ċentru ta' matul il-jum għall-anżjani.

**11. Affarijiet Mixxellanji**

11.1 Clayton Gauci irrapporta li fi' Triq Sir Harry Luke kien hemm 2 ħofriet li jżommu l-ilma. Is-Sindku ser imur jarahom u jara li jissewwew.

11.2 Elizabeth Ebejer semmiet li tħoss li kien hemm bżonn ta' intervent ta' restawr fuq il-kappella taċ-Ċimiterju. Is-Sindku qabel u semma' li naraw jekk il-ministeru tas-Saħħa jistgħux jgħinu fi' proġett simili.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

11.3 Elizabeth Ebejer irrappurtat li ħdejn il-Midway Store ikun hemm ħafna dlam fil-għaxija u li kien hemm bżonn ta' Pelican Light għall-użu ta' dawk li jkunu iridu jaqsmu it-triq.

11.4 Eman Vella semma' li tkun idea tajba biex issir rampa għall-anzjani sabiex miċ-ċentru ta' matul il-jum ikunu jistgħu jinżlu fuq il-bejt, speċjalment issa li beda t-temp sabiħ.

11.5 Eman Vella semma' li il-proġett Cypfire kien kważi wasal fi' tmiemu. Informa li dan kien proġett tal-MED  b' fondi jammontaw għall-€145,000, u li s-issa ġew imressqa talbiet li jammontaw għall-€73,000 fil-claims passati. Ser issir Seminar ta' konklużjoni ta' dan il-proġett nhar il-Ġimgħa 24 ta' Mejju.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fid-8 :50pm, u sar aġġornament għall-Erbgħa 29 ta' Mejju 2013.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku

***Sindku** : Paul Vella  **Viċi Sindku** : Eman Vella*
***Kunsillieri** : Clayton Gauci, Elizabeth Ebejer, Mario Sammut*
***Segretarju Eżekuttiv** : Cyprian Dalli*